**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 750/2021GG**

**Wayne Delia**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

Illum 12 t'Ottubru 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors ta' Wayne Delia** ippreżentat quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2021, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara li **l-artikolu 8 tal-kap. 537** huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu u konsegwentement taghtih dak ir-rimedju xieraq u opportun fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz:

1. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz ta' sentenza datata 25 ta' Marzu 2021 sabet lill-esponent hati t'attentat ta' serq kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal sena prigunerija, kif ukoll gie ordnat li jhallas l-ammont ta' €82.23 rapprezentanti hlas tal-espeerti nominati.

2. Illi minn din is-sentenza gie intavolat appell liema appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

3. Fil-mori ta' l-appell l-esponenti intavola talba sabiex il-Qorti ta' l-Appell tikkonverti f'Qorti tad-Droga a tenur ta' l-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta stante li gie liberat mil-hames akkuza moghtija mill-prosekuzzjoni ossia, li ir-reat kif dispost fl-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fil-fatt r-reati li fuqhom instab hati kienu gew konnessi minhabba l-problema li l-esponenti kellu ta' droga;

5. Illi pero din it-talba giet michuda permezz ta' digriet datata 15 ta' Lulju 2021 wara oggezzjoni minn naha ta' l-Avukat Generali u dan primarjament minhabba li fil-fehma tieghu il-Qorti tal-Magistrati kienet prekluza milli tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga u dan ghaliex l-esponent kien mixli b'reat ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma;

6. Illi kif intqal aktar il-fuq l-esponenti pero' gie ikkundanat sena prigunerija;

7. Illi l-ebda appell ma gie intavolat minn l-avukat generali u ghalhekk il-piena ma tistax tizdied;

8. Illi l-esponenti jhoss li c-cahda tal-Qorti ta' l-Appell li tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga kif ukoll l-artikolu 8 tal-Kap 537 jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti;

9. Illi din il-lezjoni hija wahda cara u tikkonsisti f'diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati u misjuba hatja b'reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma u dawk li jkunu gew liberati minn reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma;

10. Illi aktar mnn hekk il-ligi hija ukoll incerta' fuq jekk l-artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunux nstabu hatja ta' reat ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma u ma jkun hemm l-ebda appell fuq il-piena minn naha ta' l-Avukat Generali;

11. Illi l-artikolu 8 tal-Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponenti ghall-access ghal Qorti ta' Droga liema dritt ta' access

ghandu jkun garantit mill-Artikolu 6 tal-Kap 319 kif ukoll 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem, u l-artikolu 36(1) u 37(1) tal-Kostituzzjon ta' Malta, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319);

12. Illi l-esponenti jisthoqlu l-opportunita li jipprova li huwa ikkommetta r-reati li taghhom instab hati peress li hu kien afflitt minn problema akuta tad-droga u li pero llum il-gurnata huwa irnexxielu jeleb din il-problema;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-Artikolu 8 tal-Kap 537 qed jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti u konsegwentement taghti dak ir-rimedju xieraq u opportun fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat ir-**Risposta tal-Avukat tal-Istat** ippreżentata quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru, 2021 li biha ecepixxa:

Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens li l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet segwenti:

1. Illi r-rikorrent jidher li qajjem din il-lanjanza kostituzzjonali għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Illi l-premessa li r-rikorrent iħoss li ċ-ċaħda tal-Qorti tal-Appell li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu hija infondata u dan stante li l-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet u ċioe' ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga abbażi ta' dak li tipprovdi l-liġi u għalhekk ma hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

2. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjoni li l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hija wkoll infondata. Il-leġislatur għandu kull dritt li jistabbilixxi *thresholds* jew kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex ikun applikabbli l-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ċioe' tar-reat ta' attentat ta' serq u qieset li *'L-aggravju tal-vjolenza huwa ippruvat tenut kont li tissusisti l-vjolenza numerika u kif ukoll intuzat arma li ghalkemm tal-plastik xorta wahda hija meqjusa bhala tali. Il-kwalifika tal-hin tirrizulta wkoll tenut kont tal-hin li twettaq dan l-attentat. Inkwantu ghall-kwalifika tal-valur, Fiona Fenech xehdet li dakinhar tal-attentat kien hemm anqas minn elf euro bhala flus u inkwantu ghall-kwalifika tal-mezz jirrizulta li huma kienu mghammda.'* Ir-rikorrent instab ukoll ħati tal-addebitu tar-reċediva *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent fl-istess proċeduri, kien anke akkużat bir-reat ta' serq, kif ukoll li arresta, żamm jew issekwestra persuni kif ukoll li waqt serq kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, huwa iżda ġie liberat minn dawn l-akkużi. Minkejja dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet prekluża milli tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' *'li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata* ***<u>hi mixlija</u>*** *ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv'* (Sottolinear u enfażi miżjuda mill-esponent);

3. Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn ir-rikorrent qiegħed jallega li l-leżjoni tikkonsisti f'diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu ġew akkużati u misjuba ħatja b'reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma u dawk li jkunu ġew liberati minn reati ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma, jiġi eċċepit li ma hemmx leżjoni u lanqas diskriminazzjoni. Ir-rikorrent

naqas milli jindika taħt liema artikolu qiegħda tiġi allegata diskriminazzjoni, iżda f'każ li qiegħed jallega li seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponent jeċepixxi li r-rikorrent jeħtieġ li jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' '*like with like*' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju. L-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta japplika għal kulħadd u ċioe' il-Qorti hija prekluża milli tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga meta persuna tkun mixlija bir-reati indikati fl-imsemmi subartikolu. Għalhekk ir-rikorrent ma ġiex trattat differenti minn persuni oħrajn li qegħdin fl-istess sitwazzjoni tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx diskriminazzjoni u ma hemmx leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fejn ir-rikorrent jallega li *'l-artikolu 8 tal-Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponent ghall-access ghal Qorti ta' Droga liema dritt ta' access ghandu jkun garantit mill-Artikolu 6 tal-Kap 319 kif ukoll 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem, u l-artikolu 36(1) u 37(1) tal-Kostituzzjon ta' Malta, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319)'*, l-esponent jeċepixxi li din il-premessa hija wkoll infondata. Il-leġislatur għandu kull dritt li jistabbilixxi kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. In oltre', l-artikoli indikati mir-rikorrent ma humiex relevanti mal-ilment tar-rikorrent;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, l-ewwel (1) artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jitratta t-tgawdija tal-proprjeta' u l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitratta l-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens u għalhekk ma humiex relevanti mal-ilment tar-rikorrent stante li ma hemm l-ebda' proprjeta' li dwarha qiegħed isir xi ilment. Għaldaqstant ma hemmx vjolazzjoni tal-imsemmija artikoli;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitratta protezzjoni minn piena jew trattament inuman jew degradanti u għalhekk huwa wkoll irrelevanti u inapplikabbli għal fatti in eżami u għalhekk ma hemmx leżjoni ta' dan l-artikolu;

7. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu fejn ir-rikorrent jissottometti li *'il-ligi hija ukoll incerta' fuq jekk l-artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunux nstabu hatja ta' reat ta' sekwestru u arrest personali u pussess t'arma u ma jkun hemm l-ebda appell fuq il-piena minn naha ta' l-Avukat Generali'*, l-esponent jeċepixxi li ma hemm l-ebda inċertezza fil-liġi. Kif ġia eċċepiet, wieħed mir-rekwiżiti sabiex il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga hija l-kundizzjoni imniżżla fl-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' fejn il-leġislatur uża l-kliem *'li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna* ***akkużata hi mixlija*** *ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;'* (Enfasi u sottolinear miżjud mill-esponent). Għalhekk stante li r-rikorrent kien akkużat li arresta, żamm jew issekwestra persuni u kien anke akkużat li waqt serq kellu fuq il-persuna tiegħu arma, minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx ħtija ta' dawn l-imputazzjonijiet, ġialadarba il-leġislatur għażel li juża l-kelma *'mixlija'*, id-diċitura tal-liġi hija ċara u ma tagħti lok għall-ebda interpretazzjoni u għalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet prekluża milli tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-referenza mir-rikorrent għall-artikolu 6 tal-Kapitolu 319, dan jitratta l-esegwibbilita' tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma huwiex relevanti u għalhekk inapplikabbli għal kawża odjerna. F'każ li r-rikorrent ried ifisser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif imniżżel fl-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent jeċepixxi li ma

hemmx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u ma hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u lanqas tal-artikolu 6 fl-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi bla ħsara għas-suespost, dwar l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, jiġi eċċepiet li dan l-artikolu ma japplikax għall-ilment tar-rikorrent. In oltre', jiġi eċċepiet li ma hemmx leżjoni ta' dan l-artikolu. Fil-każ odjern, ir-rikorrent bħalissa għaddej mill-proċess ġudizzjarju u ċioe' l-appell intavolat mir-rikorrent għadu pendenti. In oltre', ma jistax jingħad li ma hemmx rimedju effettiv meta r-rikorrent stess intavola l-proċeduri odjerni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);

10. Illi stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Semghet lix-xhieda mressqa minnhom.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-miktub ipprezentati mid-difensuri tal-partijiet;

**Preliminari – sfond:**

**L-*iter* processwali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Appell Kriminali**:

Ir-rikorrenti, *qua* imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fis-17 ta' Ottubru 2014, mixli talli fis-26 ta' Dicembru 2013, ghall-habta ta' 8.30 ta' filghaxija, gewwa id-Drugshop fi Vjal De la Cruz, Qormi, flimkien ma Andrea Busuttil*:*

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ta' serq, kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, lima jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin u li sar ghad dannu tas-socjetajiet Petralux Ltd u/jew P.O.G Ltd operaturi tal-istabbiliment drugshop, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-ispizjara Fiona Fenech, Dr. Francis Noel Fenech M.D., u lill-Dr. Raymond Fenech M.D., kontra l-volonta' taghhom, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorjsoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. Aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

4. Akkuzat ukoll talli nhar it-28 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tat-3.40 ta' filghaxija, gewwa it-Tic Tic Confectionery fi Triq il-Knisja, Paola flimkien ma' Andrea Busuttil:

5. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi pakketti tas-sigaretti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u

li sar ghad-dannu ta' Salvatore fiteni, S&S Co Lyd, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

6. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' komptenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, aresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni, kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom.

7. Aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna)jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti.

8. Finalment akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 289 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi mill-Qrati tal-Magistrati (Malta);[1]

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-25 ta' Marzu 2021, ir-rikorrent kien misjub hati **<u>biss</u>** tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reciiva u liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha;'[2];

Minn dik is-sentenza, appella <u>biss</u> ir-rikorrent u talab it-thassir tas-sentenza, in kwantu biss sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u tar-recidiva, u sussidjarjament mill-piena karcerarja akkollata lilu bl-istess sentenza;

Il-procediment dwar dak l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghadu pendenti u differit *sine die* bi stennija ghall-ezitu tal-procedura odjerna u dan ghaliex fil-mori tal-appell, kif ser jirrizzulta aktar tard f'dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti

[1] Dok. SCT1, fol. 2 sa 3
[2] Dok. SCT2, fol. 3 sa 4

dwar id-Droga fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-ligi attakata: Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Din il-kwistjoni tirrigwarda l-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta l-Att I tal-2015 imsejjah Att Dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija). Dan l-att kien imsejjes fuq il-kuncett li qorti ta' kompetenza kriminali setghet, fuq talba tal-imputat u suggett ghall-certi kriterji, tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga u minn dak il-hin, l-imputat jintbaghat quddiem il-Bord Ghar-Riabiltazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Fil-funzjonijiet tieghu, l-Bord jaghmel l-assessar tieghu dwar l-imputat b'dan illi fil-kaz ta' ezitu pozittiv quddiem il-Bord, l-Qorti tkun tista tissokta bil-kawza quddiemha u jekk issib htija kontra l-imputat tkun tista' timponi piena ridotta bil-ghan li tkun evitata piena karceraja li altrimenti kienet tkun tassattiva li ma kienx ghal din il-ligi partikolari;

Fit-thaddim ta' din il-ligi, essendo fi stadju ta' nfanzja taghha, l-qrati ta' kompetenza kriminali kienu rriskontraw cirkostanzi li kienu jirrikjedu nterpretazzjoni u direzzjoni anke minhabba li process setgha jtul quddiem il-Bord sahansitra sa tmintax-il xahar u dan fi process fejn l-imputat ghadu mhux dikjarat hati, jekk ikun il-kaz, u fejn allura jista' jkun misjub mhux hati u liberat. Minn ezami ta' diversi kawzi jemergi illi kien hemm ukoll zmien fejn qorti ssuggeriet li qabel ma tikkonsidra li tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga l-ewwel titratta l-kaz u f'kaz li ssib htija imbaghad tikkontempla talba appozita, b'dan illi l-ligi procedura quddiem il-Qrati tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mhix prettament in sintonija ma' tali prassi u ghalhekk dan il-hsieb kien abbandunat;

Tajjeb illi jkun osservat ukoll illi talba ta' imputat sabiex qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga mhix wahda li ghandha tkun akkolta awtomatikament ghaliex hija l-Qorti li trid tiddeciedi wara li jingiebu provi sufficjenti u ghas-sodisfazzjoni taghha li fiz-zmien tal-allegat kommissjoni tar-reat, l-imputat/a kienu mahkuma mill-vizzju tad-droga. Anke hawn kienet riskontrata diffikulta' ghaliex fosta l-aqwa xhieda in rigward huma naturalment il-professjonisti u kien hemm qrati li jappuntaw esperti huma u ohrajn li insistew li dik il-prova trid tkun wahda provenjenti mill-imputat/a. Id-decizzjoni

jekk qorti tassumix jew le dik il-funzjoni imbaghad hija wahda inappellabbli (artikolu ...)

Fuq kollox, izda, fil-forma originali tieghu, il-beneficcju ta' dan il-Kapitolu kien miftuh ghall-reati kontra l-Ordinanza Kap 101 u l-Ordinanza Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, purche' il-kwantita' ta' droga in kwistjoni ma teccedix l-ammonti msemmija fl-Iskedi relattivi taz-zewg Ordinanzi u li jindikaw li l-kaz ma jkunx prosegwibbli quddiem il-Qorti Kriminali. Inoltre, huwa miftuh ukoll ghar-reati li l-piena taghhom ma teccedix is-seba snin prigunerija u li huwa attribwibbli ghad-dipendenza fuq id-droga, li r-reat ma jkunx wiehed volontarju kontra l-persuna jew wiehed li fit-twettieq tieghu l-imptuat kien fil-pussess ta' armi regolari, jew bl-uzu ta' nar jew splussivi, izda, fuq kollox li hemm ragunijeit oggttivi tali li juru li l-persuna tista' tkun riabilitata' [Art 8 (2) ]. Apparti dan, l-Artikolu 13 imbaghad johloq ostakoluv fis-sens li l-Att ma japplikaz f'kaz ta' akkuzi ta' bejgh, provvista jew somministrazzjoni ta' droga lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' riabilitazzjoni, jew fejn ir-reat ikun wiehed imwettaq fi jew fir-rigward ta' facilita' korrettiva. Fil-forma originali tieghu, qabel l-emenda bl-Att XXXVI tal-2021, l-artikolu 13 kien ukoll projbittiv ghall-reati kontra l-ligijiet tad-droga kommessi fil-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zaghzagh jew i post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh, ghajr ghal-pussess semplici ghall-uzu personali. Din il-projbizzjoni, izda, tnehhiet bis-sahha tal-Att appena indikat;

Irid jinghad ukoll illi, u dejjem relatatat mat-thaddim ta' din il-ligi fl-istadju inizzjali taghha, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tqis li l-Att ma kienx jiswa ghaliha fis-sens illi ma setghetx tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga *qua* Qorti ta' revizzjoni u dan ghal diversi raġunijiet fosthom kif abbozzat l-att li jirreferi ghall-Qorti tal-magistrati jew Qorti ta' kompetenza kriminali u ma jsemmix l-Qorti tal-Appell Kriminali. Inoltre qorti li tassumi dik il-funzjoni trid issejjah sabiex il-kawza kollha pendenti quddiem qrati ohra ta' dak l-imputat jinstemghu minn dik il-Qorti u naturalment Qorti tal-Appell ma tistax tisma u tiddeciedi kawzi li ghadhom fil-prim'istanza. Din il-kwistjoni, izda kienet indirizzata mill-legislatur bl-introduzzjoni tal-artikolu (6A) bis-sahha tal-Att XXXII tal-2018 wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Zammit** (Ref Kost 11/2016 tat-18 ta' Lulju 2017 li ser tissemma aktar 'l isfel.

Maghmula din ir-rassenja dwar il-ligi mill-promulgazzjoni taghha, jokkorri issa li jsiru konsiderazzjonijiet dwar il-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti dwar parti ohra tal-ligi kwantu t-thaddim taghha;

**Ikkunsidrat :**

1. Illi fl-affidavit[3] tieghu ir-rikorrenti qal li, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-25 ta' Marzu 2021, huwa nstab hati ta' attentat ta' serq u li kien sar ricediv, u gie kundannat sena prigunerija u ghal-hlas tas-somma ta' €82.23 spejjez tal-esperti. Huwa appella minn din is-sentenza, u l-appell tieghu ghadu pendenti. Fil-kors ta' dan l-appell, huwa talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga, ghaliex ir-reati li kien wettaq kienu konnessi mal-problema tad-droga li kellu. B'digriet tal-15 ta' Lulju 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet din it-talba, billi qieset li ma tistax tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga [*recte:* tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Drgoa] ghax ir-rikorrent kien mixli wkoll b'reati ta' sekwestru u arrest personali, u pussess ta' arma. Qal ukoll li ma sar ebda appell mill-Avukat Generali ghaz-zieda fil-piena, u ghalhekk ihoss li c-cahda tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga tiksirlu d-drittijiet fundamentali, minhaba f'diskriminazzjoni bejn min kien akkuzat u misjub hati ta' sekwestru u arrest personali, u min kien akkuzat bl-istess reati, pero' liberat minnhom. Qal li haqqu opportunita' li juri li wettaq ir-reati li nstab hati taghhom minhabba li kellu problema kbira tad-droga, li llum heles minnha.

2. In kontroezami[4], huwa tenna li issa heles mill-vizzju tad-droga wara li lesta b'success programm ta' riabilitazzjoni minnha f'San Blas. Tenna li qatt ma kellu x'jaqsam mal-arma jew mas-sekwestru tan-nies, u jhoss li haqqu c-cans li juri dan lill-Qorti tad-Droga ghaliex qabad it-triq it-tajba.

---

[3] Fol. 19 *bis*
[4] Ara xiehda, 25.1.2023, fol. 30 sa 31

3. Ir-rikorrent ressaq ukoll b'xhud tieghu lir-Registratur tal-Qorti Kriminali[5], li pprezentat kopja tal-atti tal-kumpilazzjoni, u tal-kawza kriminali sa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) (Spettur Spiridione Zammit) vs Wayne Delia**, liema appell jinsab differit *sine die* (Kumpilazzjoni Numru 1007/14).

**Ikkunsidrat ukoll:**

4. Illi ghalkemm ir-rikorrent ma spjegax car il-lanjanza tieghu, la fl-att promotur u lanqas fis-sottomissjonijiet imressqa minnu, jidher li l-ilment ewlieni tieghu f'dawn il-proceduri jikkonsisti filli l-**art. 8** tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Prigunerija), Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jaghmilx distinzjoni bejn persuna *'mixlija b'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkuzata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv'*[6] u persuna ga mixlija imma mehlusa minn tali akkuzi. Ir-rikorrent jilmenta li z-zewg sitwazzjonijiet differenti huma kkunsidrati l-istess mil-legislatur, u proprju ghalhekk il-legislatur eskluda l-beneficcju tal-konverzjoni tal-Qorti ta' gudikatura kriminali f'Qorti dwar id-Droga fiz-zewg sitwazzjonijiet differenti.

5. Jidher illi r-rikorrenti irid ifisser illi la darba l-Avukat Generali ma interpona ebda appell mis-sentenza in kwistjoni, l-Qorti tal-Appell ma tistax issa ssibu hati ta' dawk l-imputazzjonijiet li minnhom kien liberat mill-Qorti tal-Magistrati. [Dan huwa korrett ghaliex anke fil-kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha, ghal xi raguni tirriskontra xi nullita' fis-sentenza appellata u tghaddi sabiex tiddeciedi hi stess il-kaz mill-gdid, il-gudizzju isir fuq dik jew dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom instabet htija u mhux dwar dawk li minnhom kien liberat. **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995 fost diversi sentenzi]. Ir-ragunament tar-rikorrenti allura huwa fis-sens illi la darba issa huwa liberat minn dawk l-imputazzjonijiet li kienu ta' ostakolu ghat-talba tieghu sabiex il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga, la darba l-Avukat Generali ma appellax, allura issa

[5] Ara xiehda, 8.11.2022, fol. 24 sa 26
[6] **Art. 8(2)(b)** tal-Kap. 537

ghandu jitqies bhala *"mixli"* biss dwar imputazzjonijiet li jaghtuh id-dritt li jaghmel din it-talba;

6. Filfatt, fid-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 2021[7] dwar it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga, u li ta lok ghal dawn il-proceduri, jinghad hekk:

> "Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:
>
> *'8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra lliġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx ilkwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, ilQorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.'*
>
> Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jaghmel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:
>
> 1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin prigunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe

[7] Dok. SCT1, fol. 406 sa 414

2. Li l-kundizzjonijeit imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti ghall-finijiet tas-subartikolu (2) huma dawn li gejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Illi fil-kaz in disamina jidher car li l-appellant kien mixli bir-reat kif dispost fl-artikolu 86 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi gie akkuzat li ssekwestra, arresta u zamm lil Salvatore Fiteni kontra l-volonta, tieghu, liema delitt sar bi hsieb ta' estorzjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom u dan fil-hames akkuza moghtija mill-prosekuzzjoni [fol. 2 tal-atti]. In oltre fis-sitt akkuza gie akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggeti. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi tissusti [recte: tissussisti] s-sitwazzjoni kontempalta fis-sub inciz (b) tas-sub inciz 1 tal-artikolu 8 tal-kap 537 li jimpedixxi lil din il-Qorti milli tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga.

Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti tiddikjara li hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga, stante li jezistu ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 8(1)(b) tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.

Il-Qorti tordna ghal darb ohra, stante li notifika simili gja saret permezz tad-digriet fl-ismijiet il-Pulizija vs Reuben Micallef, li kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lil Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u dan bil-ghan li jiehu konjizzjoni tieghu sabiex jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi kjarifiki fil-ligi dwar l-interpretazzjoni tas-subinciz 2(b) tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta."[8]

**Ikkunsidrat inoltre:**

7. Illi proprju lanjanza simili li tqajmet fil-kawza **Pulizija vs Rueben Micallef**, li ghaliha rriferiet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-digriet li ta lok ghall-kawza odjerna, u lanjanza ohra dwar l-istess rekwiziti fl-**art. 8(2)** tal-Kap. 537 u l-applikazzjoni taghhom, kienu kunsidrati fid-dettall u determinati finalment mill-Qorti Kostituzzjonali ftit gimghat ilu fis-sentenzi **Rueben Micallef vs Avukat tal-Istat**[9] u **Ryan Refalo vs Avukat tal-Istat**[10].

8. Fil-kaz ta' **Rueben Micallef**, ir-rikorrent *'allega illi l-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537: (i) safejn jiddistingwi bejn persuni li jkunu ġew akkużati b'reat addebitat b'piena li taqbeż is-seba' (7) snin priġunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin priġunerija, huwa diskriminatorju; (ii) joħloq nuqqas ta' ċertezza legali għaliex mhux ċar jekk dan l-artikolu għandux japplika għal dawk il-persuni li jkunu nstabu ħatja minn Qorti tal-ewwel istanza ta' reat li, għalkemm iġorr massimu ta' piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija, effettivament jiġu ssoġġettati għal piena inqas għalih u l-Avukat Ġenerali ma jappellax; u (iii) jilledi d-dritt tiegħu għal aċċess għall-Qorti dwar id-Droga'* [11]. F'dak il-kaz, din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet iddikjarat li *'l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta f'dik il-parti fejn jaqra: 'jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija' jilledi d-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrent partikolarment il-jedd ghall-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent kif sancit fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.'*[12]

---

[8] Dok. SCT1, fol. 412 sa 414
[9] Rik. Nru. 484/21/1JVC, Qorti Kostituzzjonali, 12.7.2023
[10] Rik. Nru. 797/21/1LM, Qorti Kostituzzjonali, 12.7.2023
[11] Ara pg. 11 sa 12 tas-sentenza, **Micallef vs Avukat tal-Istat**, *supra*
[12] Ara pg. 13 tas-sentenza, **Micallef vs Avukat tal-Istat**, *supra*

9. Fil-kaz ta' **Ryan Refalo**, ir-rikorrent ilmenta li *'l-ksur ta' smigħ xieraq jikkonsisti fil-fatt illi l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537, li huwa wieħed minn diversi kriterji kumulattivi oħra sabiex Qorti tkun tista' tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, jiddependi mill-fatt li l-akkużat ma jkunx mixli wkoll b'reat volontarju kontra l-persuna jew b'att kriminali mwettaq waqt li kien fil-pussess ta' armi regulari. Jikkontendi li b'hekk huwa qiegħed jiġi 'preżunt u mpoġġi f'pożizzjoni ta' ħtija qabel id-deċiżjoni finali fuq l-imputazzjoni li huwa mixli biha'.* [13] L-ilment ta' **Refalo** gie michud anke minn din il-Qorti, diversament presjeduta.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

10. Fiz-zewg decizjonijiet fuq imsemmija, il-Qorti Kostituzzjonali spjegat l-ghan tal-ligi in ezami (Kap. 537), u wkoll tar-rekwiziti stipulati ghall-konverzjoni ta' qorti f'Qorti Dwar id-Droga, u tal-interpretazzjoni korretta taghha. Minhabba fix-xebh qawwi bejn dawk il-kazijiet u l-lanjanza li qed jaghmel ir-rikorrent f'din il-kawza odjerna, din il-Qorti jidhrilha li ghandha ticcita l-bran shih rilevanti:

> **"12. L-Att dwar Dipendenza Fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kap. 537) kien introdott sabiex persuna li tinqabad fil-pussess ta' droga għall-użu personali tagħha u wkoll fejn persuna twettaq reati minħabba d-dipendenza tagħha fuq id-droga, tingħata l-għajnuna għal skop ta' riabilitazzjoni bil-possibbiltà li tgawdi ċertu mitigazzjonijiet fil-piena. Dan soġġett li jkunu sodisfatti ċertu kundizzjonijiet li jissemmew f'Artikoli 8 u 13 tal-Kap. 537**.[14]
>
> 13. Din il-Qorti diġà kellha l-opportunita' tikkunsidra l-art. 8 tal-Kap. 537. Hekk per eżempju:
>
> i. **Il-Pulizija v. Mario Zammit** (Ref. Kost. 11/2016), sentenza tat-18 ta' Lulju 2017. L-ilment kien dwar l-Art. 8(1) minħabba l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba ta' Zammit sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga għaliex il-liġi ma kinitx tippermetti li fl-istadju ta' appell issir talba sabiex il-Qorti

[13] Ara para. 9, pg. 9 tas-sentenza, **Refalo vs Avukat tal-Istat**, *supra*

[14] Enfasi ta' din il-Qorti, ara **Micallef vs Avukat tal-Istat**, supra, pg. 20 *et seq.*

tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga. Din il-Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Madankollu sabet ksur tal-Art. 7 tal-Konvenzjoni peress li meta fis-sena 2004 ammetta l-akkużi bit-tama li jingħata piena inqas iebsa, ma setax kien jaf li snin wara ser tiġi promulgata liġi li tiffavorixxi l-pożizzjoni ta' min kien akkużat bħalu b'reati konnessi mad-droga. Iddikjarat għalhekk li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil-konfront ta' Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att I tas-sena 2005 fl-istadju ta' appell jkun leżiv tad-dritt tiegħu sanċit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

ii. **Il-Pulizija v. Andre Falzon et** tal-31 ta' Awwissu, 2021. L-ilment kien dwar ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni, relatat mal-fatt li l-akkużat ma setax jieħu benefiċċju mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 573 minħabba l-ammont ta' droga involuta. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

"15. ... l-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni fil-kriterji li hemm bżonn skont il-liġi sabiex akkużat igawdi mill-benefiċċji li jista' jkun intitolat għalihom taħt Kap. 537. Wara kollox apparti l-interess tal-privat, f'dawn il-każijiet hemm ukoll l-interess pubbliku.

16. Evidenti li għal dawn it-tip ta' każijiet ittieħdet deċiżjoni li jiġi stabbilit limitu għal dak li jirrigwarda l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ, peress li l-leġislatur irraġuna li iktar ma tkun il-kwantita` ta' droga nvoluta, iktar hu serju l-każ u l-akkużat m'għandux ikun intitolat li jieħu benefiċċju li l-każ tiegħu jinstema u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. F'dan ir-rigward ried jillimita l-każijiet fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna li l-każ ikun deċiż minn dik il-qorti speċjali.

17. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dik il-posizzjoni. Pero` il-Qorti tqis li taqa' fid-diskrezzjoni tal-leġislatur li jimponi dak il-massimu ta' piż ta' droga li għandha tkun involuta sabiex akkużat jieħu benefiċċju li l-każ ikun ikkunsidrat u deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. Evidenti li l-leġislatur f'dan ir-rigward ipprova jżomm bilanċ meta tqis is-serjeta` tar-reati konnessi mad-droga u l-ħsara kbira li tikkawża fis-soċjeta`. Dan ovvjament qiegħed jingħad b'referenza għall-ilment li għandha quddiemha l-ewwel Qorti, u li jirreferi għad-dritt tal-appellant li jkollu aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Tliet mitt (300) gramma, droga irrispettivament mit-tip li tkun, hu wkoll ammont konsiderevoli. Dan ma kienx xi każ fejn kien hemm involut formaliżmu eċċessiv li ssemma fil-każ **Zubac**

**v. Croatia** (applikazzjoni numru 40160/12) tal-5 ta' April 2018. Każ li rrefera għalih ir-rikorrent f'paragrafu 20 tar-rikors tal-appell. Anzi f'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

"78. However, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State, which regulation may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals (see Stanev v. Bulgaria [GC], no. 36760/06, § 230, ECHR 2012). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court, it is no part of the Court's function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field. Nonetheless, the limitations applied must not restrict the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 § 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see Lupeni Greek Catholic Parish and Others, cited above, § 89, with further references)".
Dan apparti li hemm kriterji oħra li għandhom jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun intitolata li tidher quddiem dik il-Qorti. Kriterji li jissemmew f'subinċiż (2) tal-Art. 8 tal-Kap. 537 u li m'hemmx prova li f'dan il-każ partikolari ġew sodisfatti mill-appellant."

iii. **Christopher Bartolo v. L-Avukat tal-Istat** (255/20/3) deċiż fis-26 ta' April, 2022, fejn inter alia sar ilment simili għal dak li sar fil-każ ta' Zammit. Din il-Qorti reġgħet tenniet illi:

"t-tħaddim tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jiddependi minn ċerti kundizzjonijiet ċari espressi mil-liġi nnifisha u dawk il-kundizzjonijiet jaqgħu fid-diskrezzjoni mogħtija lil-leġislatur u ma jikkostitwux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq".[15]

[15] Ibid., ara wkoll para. 13 sa 15 tas-sentenza **Ryan Refalo vs Avukat tal-Istat**, *supra*

11. Aktar rilevanti għal-lanjanza mertu ta' din l-azzjoni odjerna, fis-sentenza **Micallef vs Avukat tal-Istat**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> 18. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn individwu akkużat b'reat li għalih hemm piena ta' mhux iktar minn seba' snin priġunerija, u persuni li għalkemm oriġinarjament ikunu ġew akkużati b'reati li jġorru piena massima ta' aktar minn seba' snin fl-aħħar tal-ġurnata jinstabu ħatja ta' wħud biss mir-reati li jwasslu għal piena inqas minn seba' snin. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak ir-raġunament għaliex m'hemmx paragun ta' like with like. L-Art. 8(1) jipprovdi li l-każ jista' jinstema' quddiem Qorti dwar id-Droga fejn inter alia persuna akkużata, "... hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija". Kliem li hu ċar irrispettivament mill-mod kif qiegħed jiġi applikat mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Reat li jġorr piena ta' aktar minn seba' snin hu ċertament iktar gravi minn reat li jġorr piena ta' seba' snin jew inqas. Tant hu hekk li l-piena massima hi differenti. <u>Fejn imbagħad l-akkużat jiġi liberat minn reat li jġorr piena ta' iktar minn seba' snin u dik il-parti tas-sentenza ma tiġix appellata u għalhekk tkun ġudikat, din il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali m'għandhiex tqis dak ir-reat għall-finijiet tal-Art. 8 għaliex f'dak l-istadju ma jkunx hemm iktar akkuża dwaru fil-konfront tal-akkużat. X'qiegħed isir fil-prattika hi materja oħra li mhijiex il-meritu tal-kawża.</u> Għalhekk din il-qorti lanqas ma taqbel mal-Ewwel Qorti li l-akkużat hu meqjus ħati "... wara li jkun ġie liberat minn uħud mill-akkużi".
>
> 19. <u>Ir-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta li m'għandux aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Skont l-Art. 8 tal-Kap. 537 m'għandux jedd li l-każ tiegħu jinstema' quddiem dik il-Qorti. Ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti għaliex il-każ tiegħu ser jinstema' u jiġi determinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-dritt fundamentali ta' aċċess għall-qorti ma jfissirx li hu xi dritt assolut li tidher quddiem qorti partikolari. Quddiem liema qorti għandu jinstema' l-każ tar-rikorrent hi kwistjoni ta' liġi ta' proċedura</u>.[16]

[16] Enfasi ta' din il-Qorti, pg. 25 sa 26 tas-Sentenza, *supra* n. 9

12. Mill-banda 'l ohra, ukoll rilevanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza huma l-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti Kostituzzjoni fil-kaz ta' Ryan Refalo, li bhar-rikorrent odjern, kien qed jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq, u helsien minn diskriminazzjoni, bid-disposizzjoni tal-ligi li tirrestringi l-konverzjoni ta' qorti f'Qorti dwar id-Droga ghall-kazi fejn i"*r-r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi* <u>*mixlija*</u> *ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv*" (**art. 8(2)(b)**, Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta).

13. Fil-kaz ta' **Refalo**[17], il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> 18. Il-fatt li l-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 ma jippermettix li l-akkużat jiġi proċessat mill-Qorti dwar id-Drogi, ma jiksirx il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Bid-digriet li jingħata ai termini tal-Art. 8 jiġi determinat biss dwar jekk il-każ għandux jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Drogi jew jibqax jinstema' mill-qorti li tagħti d-digriet.
>
> 19. Id-deċiżjoni dwar jekk Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali għandhiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Drogi jiddependi mir-reati li bihom persuna tkun akkużata. Meta jingħata digriet li bih qorti tiċħad talba sabiex il-każ jinstema' u jkun deċiż mill-Qorti dwar id-Drogi, il-qorti ma tkunx qiegħda tesprimi xi fehma u wisq inqas ma tkun qiegħda tiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati tar-reati li bihom ikun ġie akkużat. Id-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talba tal-akkużat sabiex il-każ tiegħu jinstema' mill-Qorti dwar id-Drogi, tkun bażata biss fuq ir-reati li bihom ikun akkużat il-persuna u xejn iktar. Hekk ġara fid-digriet li tat il-Qorti Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti bbażat id-deċiżjoni fuq ir-reati li bihom kien akkużat ir-rikorrent. Irrispettivament jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali jew Qorti dwar id-Drogi, il-każ tar-rikorrent ser jinstema' u jiġi deċiż quddiem Qorti mwaqqfa b'liġi u għadu preżunt innoċenti.
>
> ...

[17] *Supra*, n. 10

22. Ġaladarba l-ilment dwar l-allegat ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni ġie miċħud, it-tieni aggravju ma jistax ireġi fir-rigward tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni. Dan meta tqis li Art. 14 jipprovdi:
"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor".

23. Art. 14 hu kumplimentari għad-drittijiet fundamentali l-oħra protetti taħt il-Konvenzjoni. Jagħti garanzija li persuna m'għandhiex tiġi diskriminata fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet li jissemmew fil-Konvenzjoni.

24. Fis-sentenza riċenti **Mark Formosa v. Avukat Ġenerali** li ngħatat fil-31 ta' Mejju 2023, din il-Qorti qalet:
"25. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa wkoll infondat għaliex il-mod kif tressaq l-ilment dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 mill-attur huwa improponibbli. Għalhekk huwa rrelevanti jekk il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fil-mertu humiex korretti jew le. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandux eżistenza awtonoma, iżda huwa kumplimentari għad-drittijiet l-oħra protetti mill- istess Konvenzjoni. Għalhekk mhuwiex proponibbli lment ibbażat biss fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress li tali lment jista' jsir biss jekk jiġi abbinat ma' xi dritt ieħor sanċit mill-Konvenzjoni. Fil-fatt, dan l-artikolu nnifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' agir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad- drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni.". Kif ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet Molla Sali v. Greece (QEDB, 19/12/2018):
"The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of

them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee."

26. Għalhekk, ġaladarba l-attur naqas milli jabbina dan l-ilment ma' xi dritt jew libertà oħra kontemplata fl-istess Konvenzjoni, l-ilment tal-attur a bażi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa inammissibli u m'hemmx lok li din il-Qorti tidħol fi kwistjonijiet li jolqtu l-mertu ta' dan l-ilment".

25. Ir-rikorrent argumenta li bi ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, "18... qiegħed jiġi diskriminat mill-istess liġi illi miegħu li kien mixli b'pussess ta' arma regolari qiegħda tuża kejl, filwaqt li ma' oħrajn illi jkunu mixlija b'reati li ma jaqgħux taħt tali preklużjoni jista' jiġi applikat għalihom artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta". Madankollu l-ilment dwar il-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq ġie miċħud. Inoltre, il-paragun li għamel ir-rikorrent mhuwiex ta' like with like. Bil-mod li rraġuna r-rikorrent kull akkużat għandu jkollu dritt li jitlob lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali sabiex tikkonverti ruħha bħala Qorti dwar id-Droga. Però dik ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur, u dik l-għażla hi raġunata wkoll meta tqis li l-gravità ta' reati tvarja minn każ għall-ieħor.

26. Fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m'hemmx dubju li l-ilment tar-rikorrent ma jaqax fit-tifsira tal-kelma 'diskriminatorju' li hemm fl-imsemmija dispożizzjoni, apparti l-fatt li fit-tieni aggravju r-rikorrent m'għamel l-ebda argument b'referenza għal dik id-dispożizzjoni.[18]

14. Din il-Qorti tikkondividi mal-Qorti Kostituzzjonali il-kunsiderazzjonijiet legali kollha li ghamlet fiz-zewg sentenzi **Rueben Micallef vs Avukat tal-Istat** u **Ryan Refalo vs Avukat tal-Istat**. Applikati ghal dan il-kaz, din il-Qorti tqis is-segwenti:

i. illi prezentement, ir-rikorrent ghadu prezunt innocenti, u l-appell tieghu ghandu jitqies bhala mixli biss bl-imputazzjoni dwar attentat ta' serq u l-addebitu tar-recidiva. Is-sitwazzjoni

[18] Ara pg. 16 sa 18 tas-Sentenza, *supra* n. 10

odjerna hi konsegwenza diretta tal-fatt illi l-ligi ma kienitx mahsuba li tiswa fi stadju ta' revizzjoni u dan kif johrog sia mill-mod kif inhi abbozzat l-ligi kif ukoll minn interpretazzjoni tas-sentenz **Zammit**. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li tapplika l-ligi kif inhi b 'interpretazzjoni ristretta tal-kelma "mixli". Din il-konstatazzjoni ta' fatt twassal lil din il-Qorti ghal zewg kunsiderazzjonijiet fundamentali:

ii. Id-decizjoni dwar jekk il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali – f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali – ghandhiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar Droga ma jtappan u ma jnaqqas bl-ebda mod id-dritt fundamentali tieghu ghal access ghal qorti. Ir-rikorrent m'ghandux jedd fundamentali ghal access ghall-Qorti dwar id-Droga; imma ghandu jedd fundamentali ghal access ghal qorti indipendenti u imparzjali, li tisma' l-kaz tieghu b'salvagwardja shiha tal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Dan kollu ghandu, u qed jinghata lir-rikorrent, skond il-ligijiet ordinarji. Il-kaz tieghu qed jinstema' u ser jiġi determinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Quddiem liema qorti għandu jinstema' l-każ tar-rikorrent hi kwistjoni ta' liġi ta' proċedura; u l-legislatur ghandu diskrezzjoni shiha li jistabilixxi kriterji qrati differenti, u kompetenzi specjali, li jistghu jwasslu ghal pieni u konsegwenzi anqas horox fejn ic-cirkostanzi partikolari hekk jimmeritaw fl-interess generali. Ghalhekk, ma jirrikorri ebda ksur tal-**art. 6** tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-**art. 39** tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

*iii.* madankollu, f'dan il-kaz, kuntrarjament ghal dak li jinghad fid-digriet tal-15 ta' Lulju 2021, din il-Qorti tqis li l-**art. 8(2)(b)** tal-Kap. 537 irid jigi interpretat b'riferenza ghall-akkuzi li jkollha quddiemha l-Qorti li tkun mitluba tikkonverti ruhha f'Qorti Dwar id-Droga. Il-bqija tal-imputazzjonijiet li kienu addebiti lir-rikorrent fil-bidu tal-istess process gudizzjarju, u li dwarhom lahaq inghata liberatorja finali, ma ghandhomx jitqiesu. Din l-interpretazzjoni ssegwi l-kunsiderazzjoni tal-Qorti Kostituzzjoni fis-**sentenza Rueben Micallef vs Avukat tal-Istat**, fejn qalet li *"Fejn imbagħad l-akkużat jiġi liberat minn reat li jġorr piena ta' iktar minn seba' snin u dik il-parti tas-sentenza ma tiġix appellata u għalhekk tkun ġudikat, din il-Qorti tifhem li l-Qorti*

*tal-Appell Kriminali m'għandhiex tqis dak ir-reat għall-finijiet tal-Art. 8 għaliex f'dak l-istadju ma jkunx hemm iktar akkuża dwaru fil-konfront tal-akkużat."* [19]

15. Ladarba ma jirrizulta ebda ksur tad-dritt fundamentali protett bl-**art. 6** tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-**art. 39** tal-Kostituzzjoni ta' Malta, lanqas ma jista' jirrizulta ksur tad-dritt fundamentali ghal helsien minn diskriminazzjoni kif protett bl-**art. 14** tal-Konvenzjoni u bl-**art. 45** tal-Kostituzzjoni.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, u fil-parametri ta' dak kollu fuq spjegat, din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat, u tichad it-talbiet tar-rikorrent: b'dan li kopja ta' din is-sentenza, ladarba tghaddi f'gudikat, ghandha tintbghat lill-Qorti tal-Appell Kriminali li quddiemha qed jinstema' l-kaz kontra r-rikorrent fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) (Spettur Spiridione Zammit) vs Wayne Delia, sabiex tapplika dak spjegat ghall-kaz tar-rikorrent.**

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**

[19] *Supra*, n. 9, para. 18, pg. 25 sa 26